MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 1292/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Jesmond (Joseph Mary) Zammit**
**Madlene Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru:1292/2011**

Illum 23 ta' Novembru 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Jesmond (Joseph Mary) Zammit**, ta' 48 sena, iben Vincent u Madlene xebba Zammit, imwieled il-Pieta' nhar

it-03 ta’ Mejju, 1963 u li joqghod fil-fond numru 76, Triq Atocia, Hamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 281763(M)

u

**Madlene Zammit**, ta’ 72 sena, bint il-mejjet Michael Zammit, u Maria Chetcuti, imwielda it-Tunezija, nhar l-1 ta’ April, 1939 u li toqghod fil-fond numru 55, Triq Mile End, il-Hamrun u detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 2007123(P).

Akkuzati talli

Nhar it-22 ta` Novembru, 2011 ghall-habta tal-5.15 ta` wara nofsinhar gewwa l-lokalita` tal-Hamrun flimkien ma` persuna ohra:

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b`hebb ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta` WPS 219 Erica Abela, 1456 Jonathan Cassar u PC 283 Rodrick Borg, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` kompetenti, u dan bi ksur ta` l-artikolu 96(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta` WPS 219 Erica Abela, 1456 Jonathan Cassar u PC 283 Rodrick Borg, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz, u dan bi ksur ta`l-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ghamlu offiza ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` WPS 219 Erica Abela, 1456 Jonathan Cassar u PC 283 Rodrick Borg skond kif iccertifikat Dr. Chloe Bugeja MD (Reg No. 3087)

mic-Centru tas-Sahha tal-Florjana u dan bi ksur ta`l-artikolu 221, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. Talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-paci pubblika u l-bon ordni b`ghajjat u glied u dan bi ksur ta` l-artikolu 338(dd) tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-artikoli 95, 96, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-impuazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, ic-cirkostanzi partikolari li wasslu ghall-incident in ezami, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taz-zewg imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat Jesmond (Joseph Mary) Zammit bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin, u tillibera lill-

imputata Madlene Zammit bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1).

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodi fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------